MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 813/2013

**Urtica Limited socjeta registrata fil-gzejjer Cayman**

**vs**

**Geraldine Schembri**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Geraldine Schembri fejn gie premess:-

Illi fit-23 ta’ Awissu 2013 hija giet notifikata mill-Marixxal Ezekutant bl-imsemmi Mandat ta’ Deskrizzjoni fejn jirrizulta illi s-socjeta Urtica Limited qed titlob l-ezekuzzjoni ta’ dan il-mandat b’riferenza ghal:-

“Dokumenti kollha (kemm dawk fil-forma elettronika kif ukoll f’kull format iehor) li jinstabu fil-pussess ta’ l-intimata

u dana in vista tal-hatra taghha bhala likwidatur tas-socjeta Bonatrans Group Holdings Limited (C 49189);

Dokumenti kollha (kemm dawk fil-forma elettronika kif ukoll f'kull format iehor) li jinstabu fil-pussess ta' l-intimata u li huma relatati b'mod dirett u/jew b'mod indirett mas-socjeta Bonatrans li izda ma humiex relatati mal-hatra ta' l-intimata bhala likwidatur ta' Bonatrans;

Kull oggett immobbli iehor, li jinstabu fil-pussess ta' l-intimata u li huma relatati b'mod dirett u/jew b'mod indirett mas-socjeta Bonatrans."

Illi kif jidher mir-riferta tal-marixxal ezekutant, l-esponenti ma kellha l-ebda problema li tottempera ruhha mal-ewwel talba dedotta fil-mandat u ipproduciet id-dokumenti li kellha fil-pussess taghha in konnessjoni mal-hatra taghha bhala likwidatur ta' Bonatrans Group Holdings Limited;

Illi ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti indikati fit-tieni talba, pero, mhuwiex car mill-istess rikors x'dokumenti partikolari qed jigu indikati, billi t-alba hija vaga u generika wisq;

Illi l-iskop tal-mandat ta' deskrizzjoni huwa li jqieghed fiz-zgur jedd fuq hwejjeg mobbli li sabiex dak il-jedd jista' jigi ezercitat huwa jkollu interess li l-istess hwejjeg mobbli jibqghu fil-lok u fl-istat li jkunu jinsabu;

Illi ghalhekk huwa kompitu tas-socjeta rikorrenti Urtica Limited li tindika b'mod précis liema huma d-dokumenti partikolari li hija tippretendi li ghandha jedd fuqhom u mhux li tippretendi li jigu deskritti bl-aktar mod generiku d-dokumenti kollha li huma relatati b'mod dirett u/jew indirett mas-socjeta Bonatrans Group Holdings Limited;

Illi jekk ma jigux precizati t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, l-istess socjeta rikorrenti sejra jkollha access ghal dokumenti li anke indirettament jirrigwardaw is-socjeta Bonatrans u li mhux necessarjament l-istess socjeta rikorrenti ghandha jedd fuqhom, bil-konsegwenza li dokumenti sensittivi u kunfidenzjali ser jigu esposti fil-pubbliku ghal xejn;

Illi subordinatament, ma jirrizultax mill-premessi tar-rikors promotur, x'jedd jista' jkollha s-socjeta rikorrenti fuq dawn l-allegati dokumenti u kwindi huwa evidenti illi s-socjeta rikorrenti qeghda taghmel talba generika minghajr ma taf ezattament xi trid bl-ispranza illi tottjeni xi dokumenti li jistghu jkunu utli ghaliha ghal xi skopijiet ulterjuri taghha;

Illi fuq kollox it-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat qed issir minkejja l-fatt illi Bonatrans Group Holdings Limited giet xjolta u struck off wara li l-azzjonisti taghha, inkluz ghalhekk is-socjeta rikorrenti Urtica Limited, approvat l-istadji kollha fil-process tax-xoljiment inkluz l-iskema ta' distribuzzjoni; sa' llum lanqas jirrizulta xi pretensjonijiet ghandha, jekk ghandha, Urtica Limited, fil-konfront ta' Bonatrans Group Holdings Limited u jekk ghandhiex xi pretensjonijiet dwar kif sari l-process tal-istralc jew jekk ser tipprocedi sabiex tirraviva l-istess socjeta;

Illi mhux talli mhuwiex car x'dokumenti partikolari qed jintalbu bil-hrug tal-imsemmi mandat, izda lanqas jirrizulta x'interess jew x'jedd qed jigi vantat mis-socjeta rikorrenti fic-cirkostanzi tal-kaz. Skond il-ligi ma jezisti l-ebda jedd ta' azzjonista li jkollha access ghad-dokumentazzjoni kollha tas-socjeta li fija jkun membru u kwindi l-Qorti ma ghandhiex tintuza abusivament bhala strument sabiex azzjonista jinghata access ghal dokumentazzjoni li fil-kors ordinarju ta' tmexxija ta' kumpannija, lanqas biss jkollu jedd ghal tali dokumenti, aktar u aktar issa li s-socjeta partikolari giet xjolta u struck off;

Illi ghalhekk hemm lok li dan il-mandat jigi revokat in parte stante li s-socjeta rikorrenti (i) ma ghandha l-ebda jedd fuq id-dokumenti indikati fit-tieni talba taghha kif dedotta fir-rikors promotur u kwindi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat ma tezistix, (ii) tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, mhuwiex ragjonevoli li jinzamm fis-sehh ghal dak li jirrigwarda l-imsemmija dokumenti fit-tieni talba dedotta u (iii) fi kwalunkwe kaz it-talba tas-socjeta rikorrenti ma tista qatt tkun prima facie gustifikata f'cirkostanzi fejn il-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited lanqas ghadha tezisti;

Illi finalment u minghajr pregiudizzju ghall-premess, l-atti tal-mandat promotur huma nulli u irregolari stante li gew intavolati minn socjeta estera Urtica limited li jirrizulta li hija socjeta registrata fil-gzejjer Cayman, minghajr ma hija rapprezentata minn mandatarju specjali kif titlob il-ligi f'kaz ta' persuni esteri jew assenti minn Malta.

Ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob li (1) tigi revokata l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni in kwetjoni stante li huwa irritu u null fl-assenza ta' mandatarju specjali li jirraprezenta lis-socjeta rikorrenti u dan a tenur tal-art. 836(1)(b) u fin-nuqqas (2) jigi revokat parzjalment l-istess mandat ta' deskrizzjoni fis-sens illi jigi projbit l-ezekuzzjoni tal-mandat a tenur tat-tieni u tat-tielet talba kif dedotta fir-rikors promotur u dan a tenur tal-art. 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tas-socjeta Urtica Limited fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament irid jinghad illi hawn si tratta ta' mandat ta' deskrizzjoni, li ma' giex ezegwit peress li l-intimata oggezzjonat li jsir dak akkordat minn din l-Onorabbli Qorti, u dana fi kliem il-marixxal Carmen Pisani – "…ma'hallitnix nezegwixxi dan il-mandat peress li gharfitni li-fuq parir ta' l-Avukat taghha taghdieli nofs id-dokumenti" (kopja tar-riferta hawn annessa u mmarkata bhala DOC1).

Illi l-legislatur haseb sabiex jintroduci strumenti legali sabiex individiwi, bhal ma' jidher li huwa l-kaz ta' l-intimata, jistghu jressqu l-oggezzjoni taghhom u jitlobu revoka in toto jew in parte tal-mandat, jekk hekk jemmnu li huwa xieraq – zgur u bla ebda dubju, l-intimata qatt ma' setghat tiehu r-riedni f'ideja u tiddeciedi hi, u dana a skapitu ta' ordni legittma ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi in vista tas-suespost, is-socjeta' Urtica Limited tirrimetti ruhha, izda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiehu dawk il-provvedimenti li hekk jidhrila xierqa u opportuni.

Illi sekondarjament, is-socjeta' Urtica Limited ser tressaq il-punti kollha legali kif ukoll fattwali sabiex tirrispingi fit-totalita tieghu dak mitqal fir-rikors intavolat minn Geraldine Schembri, u specifikament in vista tat-talbiet taghha – “Talba (1) Tirrevoka l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni fl-ismijiet premessi stante li huwa irritu u null fl-assenza ta' mandatarju specjali li jirraprezenta lis-socjeta rikorrenti u dan a tenur tal-art. 836(1)(b).

Illi Geraldine Schembri qed tinsisti li l-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 1249/2013 intavolat mis-socjeta' estera Urtica Limited huwa null, stante li ma' hemmx mandatarju specjali sabiex jirraprezenta lis-socjeta rikorrenti;

Illi in primis irrid jigi relevat illi dak mitqal minn Geraldine Schembri huwa kompletament zbaljat, u dana ghaliex mhux minnhu li l-assenza ta' mandatarju specjali li jirraprezenta lis-socjeta rikkorenti jwassal ghan-nullita ta' l-att ai termini ta' artiklu 836(1)(b) tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta – l-artiklu li jitratta l-mandatarju specjali f'kaz ta' persuna assenti huwa l-180 tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi artiklu 836(1)(b) si tratta specifikament dwar il-formalitajiet tal-mandat jew in-nuqqas taghhom, u mhux kull haga ohra – ghaldaqstant dak indikat fir-rikors ta' Geraldine Schembri huwa skorret u zbaljat.

Illi di piu', kif inhu risaput fil-gurisprudenza nostrana, meta' l-mottiv tat-talba ma' taqax taht wahda mill-elementi kontemplati f'artikolu 836, kif del' resto hija t-talba de quo li taqa specifikament taht artikolu 180, hemm il-htiega li tinfetah kawza adhoc, li permezz taghha jintalab li l-effetti tal-mandat kawtelatorju jigu recissi.

Illi dak indikat fil-ligi u gurisprudenza nostrana ma' sarx, ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba sabiex tiskarta u tichad l-ewwel talba ta' Geraldine Schembri, fejn in-nullitta giet eccepita.

Illi subordinatament u minghajr preguddizju ghal dak indikat fir-risposta de quo, tali talba da' parti ta' Geraldine

Schembri mhux biss hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, izda addirittura wiehed jista jasal ghal konkluzzjoni li tali stqarrija hija maghmula u intenzjonata biss sabiex tidizgwida lil din l-Onorabbli Qorti;

Illi Geraldine Schembri hija konsapevoli li l-Avukat Adrian Delia kif ukoll id-dottoressa Suzanne Wolfe Martin kienu mahtura permezz ta' prokura, bhala mandatarji specjali ta' l-istess socjeta' Urtica Limited, u dana sabiex jigu intavolati dwan il-proceduri.

Illi Geraldine Schembri tafu dan il-fatt, u dana stante li kopja tal-prokura kienet giet prezentata lill-istess Geraldine Schembri nhar il-hmistax (15) ta' Lulju 2013 permezz ta' ittra (liema ittra giet annessa mar-rikors promutur tal-mandat ta' deskrizzjoni), fejn kien gie indikat li – "I refer to your letter dated 3rd June 2013 whereby you requested an original, notorised and apostilled resolution signed by the directors of Urtica Limited, vesting the undersign signatories with the authority to deal with their matters in Malta. Attached herewith, please find the required documentation, and as such I kindly request you to proceed with furnishing this end with the requested information." (kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOC2).

Illi minkejja dan, fir-rikors taghha qed tghid xorta ohra – ghaldaqstant u ghal kull buon fini qed tigi hawn anessa kopja tal-prokura li inghatat mis-socjeta' Urtica Limited lill-Avukat Adrian Delia kif ukoll id-dottoressa Suzanne Wolfe Martin (kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOC3).

Illi dak indikat fir-rikors mhux minnhu, u cjoe' li s-socjeta' Urtica Limited m'ghandiex mandatarju specjali, ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba sabiex tiskarta u tichad l-ewwel talba ta' Geraldine Schembri;

Illi minghajr preguddizju ghal dak hawn fuq surruferit, dak indikat fir-rikors ta' Geraldine Schmebri huwa sahansitra legalment skorrett, u dana kif spejgat kemm fil-ligi per se, kif ukoll fil-gurisprudenza lokali, fosthom fil-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet

‘Mediterranea Distribuzione Srl, socjeta’ estera registraata l-Italja kontra Dr. Richard Galea Debono bhala l-istralcjarju ta’ IFIX Trade Limited’, fejn fost ohrajn gie mitqal li, “Hi pacifika l-gurisprudenza illi r-relazzjoni li tghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huma dak ta’ mandat. Il-mandat huwa specjali ghall-finijiet tal-kawza. Mela jekk il-kwistjoni tkun dik ta’ kundanna ta’ hlas in toto jew in parte ta’ spejjez gudizzjarji mill-kumpannija attrici, wara sentenza fil-kawza tal-lum li tghaddi in gudikat, il-konvenut ghandu wkoll rimedju kontra l-mandatarji tal-kumpannija attrici li jkunu qedghin jidhru ghaliha bhala legali fil-kawza tal-lum.” (kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOC4).

Illi dana ikompli juri kemm dak mixtieq minn Geraldine Schembri mhux possibli li jsehh, stante li huwa skorret fil-fattt u fid-dritt;

Illi finalment il-gurisdrudenza estensiva dwar dan il-fatt turi bic-car li dak allegat minn Geraldine Schembri fl-ewwel talba mhux minnhu, ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba sabiex tiskarta u tichad l-ewwel talba ta’ Geraldine Schembri.

Talba (2) - Tirrevoka parzjalment il-mandat ta’ deskrizzjoni fl-ismijiet hawn fuq premessi fis-sens illi jigi projbit l-ezekuzzjoni tal-mandat a tenur tat-tieni u tat-tielet talba kif dedotta fir-rikors promotur u dan a tenur tal-art. 836 (i) (b), (d), u (f) tal-ligijiet ta’ Malta

Illi qabel xejn, is-socjeta’ rikorrenti Urtica Limited tinstab sodisfatta li Geraldine Schembri bidlet il-veduta taghha, minn dik tat-30 ta’ Lulju 2013 – “The company is no longer in existence and there are therefore no shareholders who can claim any shareholder rights. In any case, I am advised that the type of information being requested would not have been available to shareholders even if the Company had been in existence.” (kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOC5) ghall-verzjoni kompletament differenti permezz tar-rikors fl-atti tal-mandat ta’ deskrizzjoni ta’ nhar is-26 ta’ Awwissu 2013, fejn gie

indikat da parti ta' Geraldine Schembri li, "Illi kif jidher mir-riferta tal-marixxal ezekutant, l-esponenti ma kellha l-ebda problema li tottempra ruhha mal-ewwel talba dedotta fil-mandat u ipproduciet id-dokumenti li kellha fil-pussess taghha in konnessjoni mal-hatra taghha bhala likwidatur ta' Bonatrans Group Holdings Limited" (kopja hawn annessa u mmarkata bhala DOC6).

Illi fuq tema differenti, s-socjeta' Urtica Limited tinstab perplessa kif Geraldine Schembri qed tittenta li tottjeni r-revoka parzali tal-mandat ta' deskrizzjoni limitatament in vista tat-tieni u t-tielet talbiet[1], u qed taghmel dan inter alia billi taghmel uzu minn artikli tal-ligi li ma' humiex idoneji;

Illi filwaqt li l-artiklu 836(1)(b) jishaq u jitlob li, "waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti[2]" - artiklu 836(1)(d) huwa specifiku, fejn irid jintwera li, "l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv[3]".

Illi fl-ebda hin u fl-ebda mument ma' gie indikat fir-rikors ta' Geraldine Schembri liema huma l-formalitajiet nieqsa fir-rikors promutur[4], ghajr ghall-allegat nuqqas ta' mandatarju specjali, li kif diga gie elenkat ma' jaqawx taht it-tutela ta' l-artikolu 836(1)(b), izda taht dik ta' artikolu 180 tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta, u in ogni kaz kif diga gie ampjament spjegat dak kontemplat minn Geraldine Schembri, huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar artiklu 836(1)(d), u specifikament dwar il-fatt li Geraldine Schembri qed tishaq li l-ammont mitlub ma huwx prima facie gustifikat jew sahansitra huwa eċċessiv, is-socjeta' Urtica Limited tinsab kemmxejn konfuza ghall-liema ammont qed issir riferenza, dan ghaliex fl-ebda mument ma' intalab il-hrug ta' mandat kawtelatorju dwar xi ammont, u wisq anqas qed isir riferenza fir-rikors ta' Geraldine Schmebri[5] ghal xi ammont partikolari.

---

[1] Talbiet maghmula minn Urtica Limited fil-rikors promotur 1249/2013
[2] artiklu 836(1)(b) tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta
[3] artiklu 836(1)(d) tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta
[4] Rikors promotur 1249/2013
[5] Rikors 813/2013/GC

Illi t-talba ta' hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni huwa sabiex, "iqiegħed fiż-żgur jedd fuq ħwejjeġ mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista' jiġi eżerċitat, ir-rikorrent ikollu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu[6]" u dak huwa li sar permezz tar-rikors 1249/2013 da parti tas-socjeta' Urtica Limited, minghajr ma' intalbet tutela jew protezzjoni fuq l-ebda ammont.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha s-socjeta' Urtica qed titlob li t-tieni talba tar-rikorrenti Geraldine Schembri relatata ma' artikoli 836(1)(b) u (d) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta tigi michuda.

Illi finalment fadal biss x'tigi tratta it-talba ai termini ta' artiklu 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta, li tindika li – "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma' jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

Illi hawn Geraldine Schembri li mhux qed tifhem huwa r-rwol minnha assunt bhala likwidatur, u wisq anqas qed izomm f'mohha li s-socjeta' Urtica Limited mhiex socjeta' kwalunkwe, izda kienet azzjonista tas-socjeta' Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189).

illi wahda mir-raguni ghaliex jinhatar likwidatur hija, sabiex ikun hemm persuna indipendenti li thares l-interessi, b'mod ugwali, tal-partijiet kollha, senjatment tad-diretturi, tal-azzjonisti, u tal-kredituri – il-fatt li ex admissis Geraldine Schembri fir-rikors taghha[7], qed tghid li mhux topponi ghall-ewwel talba u cjoe' li ssir deskrizzjoni tad-dokumenti kollha (kemm dawk fil-format elettronika kif ukoll f'kull format iehor) li jinstabu fil.pussess ta' l-intimata u dana in vista tal-hatra taghha bhala likwidatur tas-socjeta' Bontrans Group Holdings Limited (C-49189), billi uzat il-kliem – "l-esponenti ma kellha l-ebda problema li tottempra ruhha mal-ewwel talba dedotta fil-mandat," izda

[6] artiklu 839 tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta
[7] Rikors 813/2013/GC

sussegwentament qed taghmel krucjata kontra t-talbiet l-ohra, tfisser li l-istess Geraldine Schembri ghanda fil-pussess taghha dokumenti ohra li wasslu ghanda minghand xi haddiehor. Dana kollhu huwa attegjament perikoluz u li jnissel dubju dwar l-indipendenza tal-likwidatur, fejn jidher li kien hemm u hemm affinta ma' wiehed mil-komponenti li suppost kienet qed thares l-indipendenza taghhom b'mod ugwali.

Illi artiklu 324 tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta' Malta jishaq inter alia li l-likwidatur ghandu jizgura li jzomm fil-pusess tieghu d-dokumenti tal-kumpanija ghal perjodu ta' ghaxar snin minn mindu din tigi stralcjata – zgur u mhux forsi, wahda mir-raguni ghaliex il-legislatur tefa daqstant oneru fuq il-likwidatur hija sabiex jassigura li kull dubju li jista jitqajjem, jigi indirrizat f'dan il-perjodu – dak huwa precizament li qed taghmel is-socjeta' Urtica Limited – qed taghmel uzu minn strumenti moghtija lilha mill-legizlatur, sabiex tassigura li kull azzjoni mehuda kienet fl-interessi tal-partijiet kollha.
Illi r-rikors ta' Geraldine Schembri jkompli billi tinghata bhala wahda mir-ragunijiet ghaliex ghandu jitwaqqaf l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' deskrizzjoni li, “dokumenti sensittivi u kunfidenzjali ser jigu esposti fil-pubbliku ghal xejn” u hawn is-socjeta' Urtica Limited tfakkar li ser tkun il-kawza li giet intavolta fid-9 ta' Settembru li semmai ser tesponi dokumenti fil-pubbliku (u anka hawn jezisti rimedju sabiex dan ma jsirx), u dana dejjem jekk it-talbiet attrici jigu milqghu minn din l-Onorabbli Qorti u mhux il-mandat ta' deskrizzjoni, li xoghlu huwa biss li, “jiddeskrivi l-ħwejjeġ ħaġa ħaġa, u jsemmi nnumru u x-xorta tagħhom[8]”.

Illi l-istess haga tapplika in vista ta' dak indikat minn Geraldine Schembri dwar il-fatt li s-socjeta' Urtica Limited, “… ser jkollha access ghal dokumenti li anke indirettament jirrigwardaw is-socjeta' Bonatrans u li mhux necessarjament l-istess socjeta' rikorrenti ghandha jedd fuqhom..” ghalkemm wiehed irrid jghid u jispecifika li dak mitqal minn Geraldine Schmebri huwa legalment skorret, hu dan kif ser jigi ampjament spejgat fil-mori tal-kawza

[8] artiklu 840 tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta

intavolta fid-9 ta’ Settembru 2012 fl-ismijiet ta’ ‘Urtica Limited kontra Geraldine Schmebri’;

Ghalhekk qed jintalab li t-tieni talba relatata ma’ artiklu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta’ Malta tigi michuda. Bl-ispejjez.

Rat ir-rikors b’urgenza ta’ Urtica Limited presentat fis-16 ta’ Settembru 2013 fejn fie espost:-

Illi in vista tas-seduta msejha minn din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta ddecidi t-talba maghmula minn Geraldine Schembri ghar-revoka tal-mandat ta’ deskrizzjoni bin-numru 1249/2013, is-socjeta’ Urtica Limited skopriet fis-sighat li ghaddew informazzjoni gdida li hija pero’ relevanti hafna il-kaz in dizamina, u ghalhekk tixtieq permezz tal-prezenti iggib dan a formali konjizzjoni tal-Onorabbli Qorti. Geraldine Schembri kienet tokkupa kariga ohra, apparti dik ta’ stralcjarju.

Illi huwa pacifiku u ma’ hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li Geraldine Schembri kienet appuntata bhala stralcjarju tas-socjeta’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189), u dana in vista tal-hatra taghha nhar il-31 ta’ Dicembru 2010 (kopja ta’ Form L hawn annessa u mmarkata bhal DOC1).

Illi jidher mid-dokumentazzjoni intavolata ma’ l-awtorita finanzjarja ghas-servizzi finanzjarja li l-istess Geraldine Schembri giet appuntata bhala esperta indipendenti tas-socjeta’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) ai termini ta’ artiklu 73(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta u sussegwentament prezentat rapport taghha nhar il-31 ta’ Awwissu 2010, u cioe’ erghba xhur qabel inhatret bhala stralcjarju.  (kopja ta’ dan ir-rapport qed tigi hawn aness u mmarkat bhala DOC2).

Illi artikolu 305(1) tal-kap 386 tal-ligijiet ta’ Malta huwa car hafna dwar minn jista jkun appuntat bhala stralcjarju. L-artikolu 305 (1) - Persuna ma tkunx kwalifikata li tagħmilha ta’ stralċjarju kemm-il darba ma tkunx avukat jew individwu li jkun accountant pubbliku ċertifikat jew accountant u awditur pubbliku ċertifikat, jew reġistrata

mar-Reġistratur bħala persuna addattata u xierqa biex teżerċita l-funzjoni ta’ stralċjarju.

Izda l-aktar fattur interessanti johrog minn artiklu 305(2) stante li jitkellem dwar dawk il-persuni li ma’ jikwalifikawx sabiex jigu mahtura bhala stralcjarji, u cjoe’ “(2) Individwu li jkun kwalifikat li jaġixxi ta’ stralċjarju bis-saħħa tas-subartikolu (1), ma jistax jaġixxi ta’ stralċjarju ta’ kumpannija, jekk kellu kariga ta’ direttur jew segretarju tal-kumpannija jew kellu xi ħatra oħra ma’ dik il-kumpannija jew b’konnessjoni magħha, f’xi żmien matul l-aħħar erba’ snin qabel id-data tax-xoljiment tal-kumpannija kif stabbilit skont iddisposizzjonijiet ta’ dan l-Att (kopja tal-ligi hawn annessa u mmarkat bhala DOC3).

Illi hawn jidher bic-car li Geraldine Schmebri qatt ma’ setghat tigi appuntata bhala stralcjaru tas-socjeta’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189), u dana ghaliex kienet tokkupa kariga ohra, cjoe’ dik ta’ espert indipendenti sa erghba xhur biss qabel il-hatra taghha bhala stralcjarju;

Illi fid-dawl tas-suespost, l-stqarrija tas-socjeta’ Urtica Limited, fir-risposta taghha, dwar il-biza tan-nuqqas ta’ indipendenza ta’ Geraldine Schmebri fil-hatra taghha bhala stralcjarju, hija aktar minn gustifikata stante qatt ma setghat tikwalifika biex tigi appuntata bhala stralcjarju tas-socjeta’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) – ghal kull buon fini, qed jerga jigi replikat dak indikat fir-risposta tas-socjeta’ Urtica Limited.

Illi hawn Geraldine Schembri li mhux qed tifhem huwa, r-rwol minnha assunt bhala likwidatur, u wisq anqas qed izomm f’mohha li s-socjeta’ Urtica Limited mhiex socjeta’ kwalunkwe, izda kienet azzjonista tas-socjeta’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189).

Illi wahda mir-raguni ghaliex jinhatar likwidatur hija, sabiex ikun hemm persuna indipendenti li thares l-interessi, b’mod ugwali, tal-partijiet kollha, senjatment tad-diretturi, tal-azzjonisti, u tal-kredituri – il-fatt li ex admissis

Geraldine Schembri fir-rikors taghha[9], qed tghid li mhux topponi ghall-ewwel talba u cjoe' li ssir deskrizzjoni tad-dokumenti kollha (kemm dawk fil-format elettronika kif ukoll f'kull format iehor) li jinstabu fil.pussess ta' l-intimata u dana in vista tal-hatra taghha bhala likwidatur tas-socjeta' Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189), billi uzat il-kliem, "l-esponenti ma kellha l-ebda problema li tottempra ruhha mal-ewwel talba dedotta fil-mandat,"izda sussegwentament qed taghmel krucjata kontra t-talbiet l-ohra, tfisser li l-istess Geraldine Schembri ghandha fil-pussess taghha dokumenti ohra li wasslu ghanda minghand haddiehor;

Illi dana kollhu huwa attegjament perikoluz u li jnissel dubju dwar l-indipendenza tal-likwidatur, fejn jidher li kien hemm u hemm affinta ma' wiehed mil-komponenti li suppost kienet qed thares l-indipendenza taghhom b'mod ugwali; EMCS ingagati sabiex jaghtu parir dwar il-hatra ta' l-awditur

Illi xi haga li hija daqstant inkwetanti hija l-fatt li filwaqt li Geraldine Schembri kienet mahtura bhala stralcjarju tas-socjeta' Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189), is-socjeta' EMCS, li taghha Geraldine Schembri hija direttrici, kif ukoll ghandha r-raprezentanza legali u gudizzjarja, kienet ingagata sabiex taghti parir dwar minn ghandu jkun l-awditur tas-socjeta' Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189);

Illi dan huwa stat ta' fatt, hekk kif inhu stabilit fil-letter of instructions iffirmati nhar il-5 ta' Marzu 2010 u li estrat minnhom qed jigi hawn anness u mmarkat bhala DOC4;

Illi dana kollha jfisser li, filwaqt li Geraldine Schembri fil-kariga taghha inter alia direttrici ta' EMCS kienet qed taghti parir dwar minn ghandu jkun l-awditur, hi stess kienet qed tokkupa l-kariga ta' stralcjarju bi ksur flagranti ta' artiklu 305(1) tal-kap 386;

[9] Rikors 813/2013/GC

Illi fic-cirkostanti, s-socjeta’ Urtica Limited titlob, dejjem fil-limiti ta’ dak li huwa possibli ghal din l-Onorabbli Qorti, li tinghata decizjoni aktar spedita minn dik iffista ghal 25 ta’ Ottubru 2013, stante li issa aktar minn qatt qabel hemm in-necessita li d-dokumenti kollha relatati ma’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) jigi kawtelati, u konsegwentament li jigu michuda t-talbiet ta’ Geraldine Schembri u dana taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti hekk jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta’ Geraldine Schembri ghar-rikors ta’ Urtica Limited tas-16 ta’ Settembru 2013 fejn gie sottomess:-

Illi l-esponenti tikkontesta bil-qawwa d-diversi allegazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha permezz ta’ dana r-rikors ghalkemm ghandu jinghad ukoll illi dawn l-allegazzjonijiet mhumiex rilevanti ghat-talbiet migjuba minnha fir-rikors promotur taghha ghar-revoka tal-mandat. L-esponenti ghalhekk issostni illi dina l-Qorti lanqas ghandha tiehu konjizzjoni ta’ dawn l-allegazzjonijiet migjuba ghall-finijiet tat-talba taghha sabiex jigi revokat il-mandat ta’ deskrizzjoni.

Illi fi kwalunkwe kaz, pero, l-esponent tirribadixxi dawn l-allegazzjonijiet u sottomossjonijiet in toto :-

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi precizat illi sal-mument li Bonatrans Group Holdings Ltd (“ Bonatrans”) giet formalment xjolta mill-azzjonisti taghha, ma kienx hemm awdituri nominati ghall-istess kumpannija. Isegwi illi la EMCS u wisq anqas l-esponenti ma qatt kienu nvoluti fil-hatra ta’ awdituri ta’ Bonatrans ghalkemm ghandu jinghad ukoll illi kull ma jirrizulta mid-dokument 4 hu illi EMCS kellha l-fakolta li tissugerixxi isem ta’ awditur tal-kumpannija u mhux lit kun hija stess l-awditur.

Illi kif jidher mid-dokument 2 anness mar-rikors ta’ Urtica Ltd, l-esponent kienet giet inkarigata minn Bonatrans sabiex tipprepara rapport ghall-finijiet tal-artiklu 73 (4) tal-Companies Act. Kif jidher mill-istess rapport dan ir-rapport sar mill-esponenti bhala “certified public accountant”,

inkarigu professjonali li ma kienx  jiskwalifika lill-esponenti mill-hatra ta' stralcjarju ta' Bonatrans.

Illi f'kull kaz il-hatra tal-esponenti bhala stralcjarju sehhet b'rizoluzzjoni unanima tal-azzjonisti, fosthom Urtica Limited, u kwindi anke jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm xi nuqqas f'dan ir-rigward ( haga li bl-ebda mod ma hija koncessa) l-agir tal-istess rikorrenti irratifika dan l-allegat nuqqas.

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u l-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni in kwestjoni cioe' numru 1249/13.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Semghat it-trattazzjoi orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors gie differita sabiex jinghata l-provediment finali.

Ikkonsidrat:-

Ghal aktar kjarezza minn hawn il-quddiem ir-rikorrenti Geraldine Schembri ser tissejjah “ir-rikorrenti” jew “Schembri” mentri s-socjeta' intimata Urtica Limited ser tissejjah “Urtica”.

L-ewwel ser jigi trattat ir-rikors bl-urgenza ta' Urtica tas-16 ta' Settembru 2013. B'dan ir-rikors l-imsemmija socjeta' riedet iggib a konjizzjoni tal-Qorti l-fatt li r-rikorrenti Geraldine Schembri kienet tokkupa kariga ohra, apparti dik ta' stralcjarju tas-socjeta' Bonatrans Group Holdings L-imited (C-49189). Skond is-socjeta' Urtica l-istess rikorrenti kienet giet appuntata ukoll bhala espert indipendenti mill-istess socjeta' Bonatrans skond l-artiklu 73(4) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta. Urtica kompliet tinforma li Schembri ppresentat ir-rapport relattiv ftit xhur qabel ma giet nominata stralcjarju. Urtica taghmel diversi sottomissjonijiet dwar jekk in vista tal-imsemmija kariga ta' espert indipendenti setghatx Schembri tigi nominata likwidatur. Din il-Qorti mhux ser tidhol f'din il-kwestjoni stante li tesorbita minn dak li qed jigi mitlub fl-imsemmi

rikors promotur ta’ Schembri. Hawnhekk l-imsemmija kwestjoni sollevata minn Urtica hi irrilevanti. Inoltre m’hemmx ghalfejn li jinghata provediment dwar it-talba kontenuta fir-rikors ta’ Urtica invista tal-fatt li qed jinghata l-presenti provediment finali.

Inoltre jidher li l-likwidazzjoni tas-socjeta Bonatrans issa giet konklusa u ma jidhirx li saret xi oggezzjoni dwar il-hatra tal-istralcarju meta setghet issir tali oggezzjoni. Kwindi l-informazzjoni li nghatat li din il-Qorti permezz tal-imsemmi rikors hi superfluwa ghall-finijiret ta’ dawn il-proceduri. Li ghandu jigi deciz principalment f’dawn il-proceduri, oltre kwestjonijiet ohra, hu jekk il-mandat ta’ deskrizzjoni in kwestjoni ghandux jikkomprendi dawk id-dokumenti kollha li ghandha fil-pussess taghha r-rikorrenti Schembri u mhux dawk biss li jirrelataw ghal likwidazzjoni tas-socjeta’ Bonatrans.

Jidher li s-socjeta’ Urtica qed tippretendi li bil-mandat ta’ deskrizzjoni in kwestjoni ghandhom jigu effettwati d-dokumenti kollha relatati ma’ Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) li jinsabu fil-pussess ta’ Schembru u mhux biss dawk li jirreferu ghall-likwidazzjoni tas-socjeta’ Bonatrans billi Urtica qed tivvanta certu pretensjonijiet fil-konfront tal-likwidazzjoni ta’ Bonatrans. Jidher li nbdew il-proceduri relattivi barra minn Malta.

Is-socjeta’ Urtica, bil-mandat ta’ deskrizzjoni, talbet li jigu deskritti (1) d-dokumenti kollha li qeghdin fil-pussess ta’ Schembri in vista tal-hatra taghha bhala likwidatur tas-socjeta Bonatrans Group Holdings Limited, (2) id-dokumenti kollha li jinstabu fil-pussess ta’ Schembri li huma relatati b’mod dirett u/jew b’mod indirett mas-socjeta Bonatrans u liema dokumenti mhux relatati mal-hatra taghha ta’ likwidatur tal-imsemmija socjeta’ Bonatrans u (3) kull oggett immobbli iehor, li jinstabu fil-pussess ta’ Schembri li huma relatati b’mod dirett u/jew b’mod indirett mas-socjeta Bonatrans. It-talbiet ta’ Urtica gew akkolti bid-dikriet tas-27 ta’ Awissu 2013.

Kwindi jirrizulta li mhumiex biss dawk id-dokumenti li hma relatati mal-hatra ta’ Schembri bhala likwidatur li

ghandhom jigu deskritti izda d-dokumenti kollha, fil-pussess ta’ Schenbri li b’xi mod ghandhom x’jaqsmu mas-socjeta’ Bonatrans anke b’mod indirett.

It-talba ta’ Geraldine Schembri fir-rikors promotur tirrigwarda l-imsemmi mandat ta’ deskrizzjoni kawtelatorju ottjenut mis-socjeta’ Urtica kontra l-istess Geraldine Schembri. Wara li t-talba ghall-hrug tal-mandat giet akkolta l-ufficjali li kienu qed jesegwixxu l-mandat ma setghux jiffinalizzaw l-esekuzzjoni stante li Schembri oggezzjonat fir-rigward ta’ certi dokumenti u kwindi gie ppresentat l-imsemmi rikors promotur. F’dan ir-rikors Geraldine Schembri qed tippretendi li mandat ta’ deskrizzjoni in kwestjoni hu irritu u null fl-assenza ta’ mandatarju specjali li jirraprezenta lis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob li tigi revokata l-esekuzzjoni tal-mandat.

Ir-rikorrenti qed titlob li f’kaz li ma tigix akolta l-imsemmija l-ewwel talba, r-rikorrenti qed titlob li jigi revokat parzjalment l-istess mandat ta’ deskrizzjoni fis-sens li tigi projbita l-ezekuzzjoni tal-mandat a tenur tat-tieni u tat-tielet talba kif dedotta fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ deskrizzjoni. F’dan ir-rigward gew iccitati l-artikoli 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Hu car li Schembri mhux qed toggezzjona ghat-talba li jigu deskritti d-dokumenti li jinsabu ghandha in konnessjoni mal-hatra taghha bhala likwidatur tas-socjeta Bonatrans Group Holdings Limited. L-oggezzjoni taghha tirrigwarda l-imsemmija tieni u tielet talba kif kontenuti fir-rikors ghall-hrug tal-mandat in kwestjoni. L-oggezzjonijiet taghha huma fir-rigward ta’ dawk id-dokumenti li jinsabu ghandha u jirrigwardaw anke b’mod indirett is-socjeta Bonatrans u ukoll li m’ghandhomx x’jaqsmu mal-hatra taghha la’ likwidatur. L-istess oggezzjoni ta’ Schembri tinvolvi ukoll it-talba biex jigu deskritti l-oggetti “immobbli” ohra fil-pussess ta’ Schembri li ghandhom b’xi mod x’jaqsmu mal-istess socjeta’ Bonatrans.Hu ragjonevoli li wiehed jassumi

li din it-talba tinvolvi l-hwejjeg kollha l-ohra “mobbli” (mhux immobli) li huma konnessi ma Bonatrans.

Fir-rigward tal-imsemmija tieni talba hu minnu li hi generica, pero’ fl-istess hin l-istess talba hi cara u specifika u tfisser id-dokumenti kollha li ghandha fil-pussess taghha r-rikorrenti u li ghandhom konnessjoni mal-imsemmija socjeta’ Bonatrans. Kwindi ghall-Qorti t-talba hi regolari.

Skond l-artikolu 839 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’Malta) l-iskop tal-mandat ta’ deskrizzjoni hu li jigu zgurati l-jedijiet pretizi mir-rikorrenti fuq xi hwejjeg mobbli u ghalhekk l-istess hwejjeg mobbli jigu deskritti bil-ghan li jibqghu fil-lok u fl-istat li jkunu jinsabu u b’hekk ikunu qed jigu zgurati u esercitati l-istess jeddijiet. Ma hemm xejn f’dan l-artikolu li jimponi li kull oggett jew dokument ghandu jigi jigi indikat b’mod specifiku. In effett hemm diversi kazijiet, in parikolari dawk li jkollhom x’jaqsmu ma l-Qorti tal-Familja, t-talba tkun tirreferi ghall-oggetti kollha li jkun jinsabu f’dar ta’ abitazzjoni jew f’kamra partikolari. Ma hemmx ghalfejn li r-rikorrenti jispecifika kull haga fit-talba tieghu ghall-hrug tal-mandat. Hi parti mill-esekuzzjoni li l-oggetti in kwestjoni jigu deskritti mill-ufficjal esekutant.

Il-ligi inoltre tipprovdi li l-hwejjeg deskritti jibqghu fil-pussess tal-pussessur li pero’ jkollu l-obbligu li jippreservhom. Inoltre f’dan il-kaz, in vista tac-cirkostanzi parikolari, nghataw istruzzjonijiet li ovvjament id-dokumenti kellhom jibqghu ghand ir-rikorrenti Schembri pero’ kellha tittiehed foto-kopja tal-istess dokumenti u dawn kellhom jibqghu fil-pussess tal-Registratur tal-Qorti sakhemm tinghata xi ordni ohra mill-Qorti.

Hemm nuqqas ta giurisprudenza specifikament fir-rigward tal-mandat ta’deskrizzjoni. Minn tfittxija jidher li hemm biss referenza ghas- sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “Cristino Cutajar vs Michelina Mallia et” li kkonfermat in toto s-sentenza tal-19 ta’ Ottubru 1966 tal-Prim’Awla Tal-Qorti Civili u fejn l-istess Qorti tal-Appell abbraccjat

kompletament il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula mill-imsemmija l-ewwel Qorti, li rriteniet li fil-mandati ta’deskrizzjoni l-Qorti trid tagixxi b’ “cirkospezjoni kbira” stante li jistghu jsiru manuvri biex lil Qorti jigu presentatati sitwazzjoniiet li jkunu lil hemm minn dik li hi l-verita’.

Ir-rikorrenti pero’ qed toggezzjona dwar l-esekuzzjoni tal-mandat billi s-socjeta Urtica ser ikollha access ghal dokumenti li skond l-istess rikorrenti “indirettament jirrigwardaw is-socjeta Bonatrans” u li fuqhom Utrica ma ghandha l-ebda jedd u b’hekk dokumenti kunfidenzjali ser jigu esposti ghal kullhadd. Ma saret ebda sottomissjoni dwar fix kienet  tikkonsisti l-kondidenzjalita’.

Hawnhekk hu tajjeb li ssir referenza ghall-artikolu 276 tal-istess Kapitolu 12, liema artikolu hu applikabbli ghal mandat in kwestjoni. u li jipprovdi li  opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta’ mandat tista ssir biss wara li l-istess mandat jigi esegwit. Fil-kaz in ezami hu car li ma jistax jinghad li l-mandat ta’ diskrizzjoni gie fil-fatt esegwit u kwindi strettament ir-rikorrenti ma tistax tghamel ebda opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-mandat.  rti ser□Dan nonostante l-Q tkompli tezamina u tiddeciedi t-talba tar-rikorrenti Gerasldine Schembri kif kontenuta fir-rikors promotur. Inoltre jidher li Utrica gia’ intavolat proceduri barra minn Malta sbiex tottjeni dak li qed tippretendi fil-konfront tal-istralc tas-socjeta’ Bonatrans. B’hekk din il-Qorti m’ghandhix tidhol f’kwestjonijiet dwar il-fatt li Bonatrans gia giet likwidata u mhassra mir-Registru tas-socjetajiet rilevanti. Ghalhekk ir-rilevanza tad-dokumenti in kwestjoni hi semmai kwestjoni li ghandha tigi deciza mill-Qorti li lilha Urtica rrivolgiet l-imsemmija pretensjonijiet taghha.

Ir-rikorrenti ssostni li Urtica m’ghandix drittijiet fir-rigward tad-dokumenti li huma l-meritu tat-tieni talba ta’ Urtica u kwindi l-mandat de quo ghandu jigi revokat parzjalment u dana in vista tal-fatt li wahda mill-elementi necessarji ghall-hrug tal-mandat hi nieqsa. Mhux car ghall-liema element necessarju tal-mandat ir-rikorrenti qed taghmel referenza.

Din il-Qorti, f'dan l-istadju, mhux kompetenti li tiddeciedi jekk Urtica ghandix id-dritt li ghalih taghmel referenza r-rikorrenti. Hawnhekk din il-Qorti trid biss tiddeciedi jekk almenu prima facie Urtica ghandix id-dritt minnha pretiz. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz kif ukoll tal-fatt li gia nbdew proceduri barra minn Malta jista jinghad li l-imsemmi dritt ta' Urtica jirrizulta almenu prima facie.

Ma jirrizultax sufficjentement ghaliex mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat kawtelatorju in kwestjoni skond kif qed targumenta r-rikorrenti Schembri. Ma saret ebda sottomissjoni da parte tar-rikorrenti f'dan ir-rigward. Inoltre ma jirrizultawx l-estremi kif rikjesti fil-ligi mis-sub-artikoli, citati mir-rikorrenti, tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12.

Ir-rikorrenti Schembri ssostni finalment li l-mandat bir-rikjesta li jinhareg il-mandat in kwestjoni hu rregolari stante li gie intavolat minn socjeta estera cioe' Urtica minghajr ma kienet rapprezentata minn mandatarju kif titlob il-ligi fil-kaz ta' persuni barranin jew assenti minn Malta.

Ir-rikorrenti Schembri qed tippretendi li minhbba dan l-istat ta' fatt il-mandat ta' deskrizzjoni ghandu jigi meqjus li hu null. Ir-rikorrenti naqset li tissenjala liema huma l-artikoli tal-ligi li fuqhom hi qed tibbaza dawn il-pretensjonijiet taghha. F'dan ir-rigward Urtica rreferiet ghall-artikolu 180 tal-kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu fir-rigward tal-presentata ta' att gudizzjarju minn korp li ghandu personalita' distinta, bhal ma hu l-kaz in ezami, jaghmel referenza ghall-artikolu 181A tal-istess Kapitolu. Dan l-ahhar artikolu jipprovdi li f'dawn il-kazijiet hu bizzejjed li jigi indikat l-isem tal-korp jew tas-socjeta' kummercjali. Inoltre l-istess artiklu 181A jistipula li dikjarazzjoni li hemm bzonn li tigi konfermata bil-gurament tista tigi mahlufa minn kull rappresentant li jkun gie debitament inkarigat mill-korp jew socjeta' in kwestjoni.

Jirizulta li r-rikors bit-talba ghal-hrug tal-mandat ta' deskrizzjoni gie kkonfermat bil-giurament minn Dr. Suzanne Wolfe Martin, li skond dak li gie sottomess fir-

risposta ta’ Urtica, giet nominata permezz ta’ prokura mill-istess socjeta’ biex appuntu tippresenta l-mandat ta’ deskrizzjoni de quo. Dan il-fatt ma giex kontestat mir-rikorrenti. Inoltre jidher li l-imsemmija prokura ngiebet a konjizzjoni tar-rikorrenti stante li kopja taghha giet annessa ma l-istess rikors ghall-hrug tal-mandat in kwestjoni.

In vista ta’ dak kollu premess it-talba tar-rikorrenti Schembri biex il-mandat ta deskrizzjoni jigi parzjalment revokat kif ukoll it-talbiet taghha kif kontenuti fir-rikors promotur jisthoqqilhom li jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta’ Geraldine Schembri kif kontenuti fir-rikors taghha tat-28 ta’ Awissu 2013. Tordna li titkompla l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ deskrizjoni mill-uficjali tal-Qorti skond l-istruzzjonijiet gia’ moghtija.

Spejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------